**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 6 – IL-ĠIMGĦA, 23 TA' JANNAR 2015

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Micallef | Membru (wasal fis-5:45pm) |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 5 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-SE informa lill-membri li ħarġet LA mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ta' Trejqet il-Kampanjol, hekk ix-xogħol fuq din it-triq jista' jibda dalwaqt.

2.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-ittra anonima li rċivejna fid-dawl tal-inkonvenjenza li għaddejjin minnha r-residenti ta' Triq Xatt il-Palm minħabba r-restaurant tal-Marleys. Peress li din hija anonima, il-Kumitat Amministrattiv ħass li dan il-każ għandu jibqa' biss f'idejn il-pulizija.

### 3. *NEWSLETTER*

3.1. Iċ-*Chairperson* appellat lill-membri sabiex kull min għandu xi ideat jgħaddihom biex ikunu inklużi fiċ-ċirkulari, biex finalment, tkun tista' tgħaddi l-materjal lill-Kunsill għall-finalizzazzjoni taċ-ċirkulari.

3.2. Fost it-temi li ġew imsemmija, ssemmew il-laqgħa tal-lokalità u r-rotta tat-trasport pubbliku.

3.3. Is-Sur Joe Micallef ġie f'dan il-ħin. Il-ħin kien is-5:45pm.

### 4. L-ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK

4.1. Is-SE fakkar lill-membri li s-sena l-għaddiet kienu ħadu deċiżjoni biex l-attivita Arts In The Park għas-sena 2015 ma ssirx minħabba l-proġett ta' Triq il-Kosta.

4.2. Minkejja dan, is-Sinj. Cuomo sostniet li jekk il-Kumitat jirnexxilu jġib l-għajnuna mill-isponsors u jakkwista servizzi b'xejn, l-attivita tista' ssir xorta waħda mingħajr ħafna spejjeż.

4.3. Id-data tentattiva hija s-Sibt 12 ta' Settembru 2015.

4.4. Minkejja li baqa' ż-żmien, is-Sinj. Cuomo ipproponiet li mil-ġimgħa d-dieħla jibdew isiru l-laqgħat.

4.5. Is-SE qal li l-aktar ħaġa importanti mhix kemm tkun kbira l-attività iżda li jkunu involuti r-residenti.

## 5. TAĦDIDIET DWAR IS-SAĦĦA

5.1. Is-SE informa li se jipprova jara jsibx lil xiħadd sabiex jagħmel dawn is-sessjonijiet.

## 6. IX-XOGĦOL TAL-BANKINA FI TRIQ IT-TUNNARA

6.1. Is-SE informa lill-membri tal-Kumitat li l-bankina ta' Triq it-Tunnara hija mistennija li tibda l-ġimgħa ta' wara.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-ħsara li hemm fi Triq is-Sikka. Parti żgħira mit-triq sfrundat. Is-SE informa li se jintbagħat il-kuntrattur konċernat sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa mill-aktar fis.

7.2. Is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li hemm xi ħsara fi Triq il-Lampara wkoll. Mir-ritratti li kellha, ġiet infurmatha li l-ħsara se tiġi rrappurtatha lil KSI.

7.3. Iċ-*Chairperson* qalet li Ġnien Santa Marija tal-Anġli jinsab f'telqa kbira. Semmiet fost l-oħrajn il-problema ta' knis; il-funtana; il-problema kbira u kontinwa li hemm fis-sistema tad-dawl; it-tiżbigħ tal-bankijiet u t-turf sintetiku li għadu ma sarx.

7.4. Barra minn dan is-Sinj. Cuomo qalet li minn Triq l-Arzella, l-*hedging* tal-ġnien mhux qiegħed kif suppost. Ir-raġunijiet ewlenin huma li bejn il-*hedging*, hemm xi siġar tal-palm li m'għandhomx il-post adekwat fejn jistgħu jikbru tajjeb filwaqt li l-istess siġar tal-palm, li jiżbukkaw minn qalb il-*hedging*, jesporġu fuq il-bankina b' ta' li mod li jistgħu jweġġgaw lil min juża l-bankina.

7.5. Fid-dawl ta' dan kollu, is-SE qal li se jikteb lis-Sur Ray Farrugia.

7.6. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa fuq il-post li se jkollha mal-perita Claire Vassallo flimkien mas-Sinj. Evelyn Muscat nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar 2015.

7.7. Is-Sinj. Muscat semmiet il-bżonn li jintbagħatu l-ġardinara jiġbru l-weraq minn madwar is-siġra tal-ficus fi Triq Xatt il-Palm.

7.8. Barra minn hekk semmiet is-siġra tal-palm li hemm quddiem il-Marleys. Fil-fehma tagħha din il-palma għandha bżonn tissaqqa.

7.9. Is-Sinj. Cuomo semmiet li daħlilha rapport anonimu li s-Sur Saviour Galea residenti 64, Triq is-Sikka, Baħar iċ-Ċagħaq mhux qiegħed jiġbor il-ħmieġ tal-klieb tiegħu meta joħroġhom. Kien deċiż għalhekk li tintbagħtlu ittra sabiex jitgħallem jikkonformi ruħu mal-liġi.

7.10. Iċ-*Chairperson* semmiet ukoll li daħlilha rapport ieħor li xi residenti jew xi nies barra mir-raħal, qegħdin jiddisponu l-iskart tagħhom fil-bins tal-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. B'dan il-mod, il-bins jimtlew f'hakka t'għajn. Anke f'dan ir-rigward il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lil xi residenti.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar Il-Ġimgħa 27 ta' Frar, 2015 għal-5:30pm.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:45pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |